

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 34/2009

tas-17 ta' Marzu 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2009 tal-5 ta' Frar 2009 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/284/KE tas-6 ta' Marzu 2008 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (STI) rigward is-subsistema tal-enerġija tas-sistema ferrovjarja tranżEwropea ta' veloċità għolja ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 37af (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/735/KE) tal-Anness XIII mal-Ftehim:

"37ag. **32008 D 0284**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/284/KE tas-6 ta' Marzu 2008 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (STI) rigward is-subsistema tal-enerġija tas-sistema ferrovjarja tranżEwropea ta' veloċità għolja (ĠU L 104, 14.4.2008, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/284/KE fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2009.

Fisem il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

⁽¹⁾ ĠU L 73, 19.3.2009, p. 52.

⁽²⁾ ĠU L 104, 14.4.2008, p. 1.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.